**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻURRIEQ**

**L-GĦAXAR LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU SEBGĦA**

**11 TA' DIĊEMBRU, 2024**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż- Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-kunsilliera s-Sur Kyle Mifsud, is-Sinjura Marisa D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut, is-Sur Jeremy Coleiro u s-Sur Daniel Muscat.

**SKUŻAT**

Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia

**ASSENTI**

--

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **7.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 7.1.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia informa permezz tat-telephone li ma setgħax jattendi. |
| | | |
| **7.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 7.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tas- sitt seduta. |
| | | |
| ***7.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 7.3.1 | | Is-Sindku qalet li :<br>• Faħħret l-attivita li saret bil-kommemorazzjoni tat-300 sena tal-Mitħna tax-Xarolla u qalet li minħabba l-maltemp ma tantx attendew nies.<br>• Faħħret l-attivita tal-Milied li saret fis-7 ta' Diċembru u qalet li minħabba l-maltemp kellha titħassar dik tat-8 ta' Diċembru. |
| | | |
| 7.3.2 | | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mas-CEO tal-FSWS. Dawn tkellmu fuq il-bust li ser isir tat-Tabiba Maira Sciberras. Hi qalet li l-FSWS ser jiehdu ħsieb il-bust u l-Kunsill jieħu ħsieb il-pedestal u l-permessi meħtieġa.<br>L-FSWS ser jgħalqu 30 sena mit-twaqqif tagħhom u dan il-bust ser ikun parti mix-xogħlijiet li ser iwettqu fis-sena li ġejja.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat tfakkira lill-perit minħabba l-permessi meħtieġa. |
| | | |
| 7.3.3 | | Is-Sindku qalet li Iż-Żurrieq Wolves talbu lill-Kunsill donazzjoni daqs kemm ħadu Iż-Żurrieq FC meta marru fuq mawra barra minn Malta. Dan iriduh biex jibdew il-proċess ta' għaqda tal- Hockey fiż-Żurrieq.<br>F'dan il-punt il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill kien qabel li Zurrieq FC jingħataw tali somma minħabba li kienu ser jieħdu delegazzjoni ta' 240 ruħ jirrappreżentaw liż-Żurrieq u lill-Malta barra minn xtutna. Ftit kien hemm każi fejn kontinġent daqshekk kbir jitla jirrappreżenta liż-Żurrieq.<br>Kien hemm qbil li talba bħal din issir bil-miktub lill-Kunsill Lokali u terġa titqajjem f'seduta oħra. |
| | | |
| ***7.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 7.4.1 | | Il-Kunsillier Daniel Muscat qal li fi Triq Bronja hemm ħanut li ma għandux għalfejn ikollu un/loading mit-15:00 sa 20:00 għax ma jkollux bżonn li jħott u jġorr f'dawk il-ħinijiet. Hu talab li l-Kunsill jikteb lit-TM biex tirrevoka tali permess. Ma kienx hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 7.4.2 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li:<br>• hemm bżonn li jsiru cat eyes fuq il-pedestrian crossing/sleeping policeman ta' Triq Bronja. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Persuna tablet li tagħmel cat shelters f'passaġġ fl-għelieqi. Il-Kunsill ma jistax jgħati permess lil xi ħadd ipoġġi affarijiet fi triq. Ma kienx hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***7.5*** | | ***PA/07684/24 Kienu preżenti s-sidien tas-sit u l-konsulenti tal-PA għall-Kunsill.*** |

| | | |
|---|---|---|
| 7.5.1 | | F'dan il-punt kienu preżenti sidien tal-art li fuqha hu propost li jsir l-iżvilupp, il-perit tal-proġett propost u l-konsulent tal-Kunsill Lokali fuq permessi/applikazzjonijiet tal-PA.<br><br>Ġie introduċut il-perit tal-proġett fejn intqal li l-perit li qed jaħdem fuq dan il-proġġett hu taljan u ilu jgħix Malta f'dawn l-aħħar 13 -il sena. Hu ħadem fuq proġetti oħra bħal Wellbees tal-Mellieħa, Sliema u Naxxar. Ħadem fuq il-Ġnien Castagna tal-Mosta u fuq il-proġett tal-BCRS fejn ukoll ħadu premju tal-aqwa fabbrika li saret f'Ħal Far.<br><br>Tkellem il-Perit tal-proġett imsemmi:<br><br>Ir-raġuni li qed jiġi propost il-proġett ta' supermarket fiż-Żurrieq hu li wara studju li sar, deher li fiż-Żurrieq qed jaraw potenzjal, profit għas-sidien u nuqqas ta' supermarkets fil-lokalita. Jixtiequ jagħtu tali servizz lill-lokalita.<br><br>Il progett qiegħed jiġi propost li jsir fuq tliet stadji:<br>• L-ewwel stadju – rinovar tal-pompa tal-petrol eżistenti li hi tal-perjodu tal-Ingliżi u tal-forzi militari, f'Malta.<br>• It-tieni stadju hu li jsir supermarket.<br>• It-tielet stadju hu li jsir garden centre u l-parking area.<br><br>Fl-akwata m'hemmx spazju biex jinbena supermarket kbir, imma ser jibena wieħed żgħir biex jaqdi lil-lokal ta' 10 t'elef ruħ.<br>Bil-liġi jekk tkun ser tibni supermarket ikollok bżonn parking space.<br>Dan il-parkeġġ ser isir fil-levell tat-triq u sular ieħor, 'l fuq mil-livell tat-triq. Dan ser ikun mikxuf ħalli ma jidhirx konkrit u bricks jidher. Il-parking area ser tkun mibnija bil-ħadid u imżejna bil-pjanti.<br><br>Huma inkoropraw il-petrol station mal-proġett, biex jagħmluh aktar sabiħ u biex it-traffiku jkun jista jgħaddi aħjar. Il-pompi tal-petrol ser jibqgħu kemm huma bħalissa.<br><br>B'dan il-proġett ser ikunu qed jgħamlu l-inqas impatt fuq l-akwata u fl-istess ħin ser jagħtu servizz lill-pubbliku.<br>Il-pompa tal-petrol ser tibqa fejn hi eżistenti, imma l-footprint tagħha ser jitnaqqas.<br>Is-Supermarket ser isir taħt il-livell tat-triq fuq żewġ sulari b'erja ta' 450metru kwadru.<br>Fil-livel tat-triq (ground level) u fuq sular 'l fuq mil-livel tat-triq ser isir il-parking area u fuq kollox ser ikun hemm il-panelli solari.<br>Il-parkeġġ ground level ser ikollu spazju ta' 53 vettura, filwaqt li fis-sular ta' fuqu ser ikun hemm spazju ta' 32 vettura, minħabba li l-ispazju l-ieħor ser jintuża għal garden centre, li ser ikun fuq il-parti ta' wara.<br><br>Ġew murija l-pjanti tal-proġett propost u l-visual proposal.<br>Oriġinarjament huma tefgħu outline application. Issa ser isiru iżjed studji fejn jidħol it-traffic management, visual impact assessment etc. Bħalissa l-applikazzjoni hi sospiża sakemm jinġibu aktar dettalji ta' studji, għax iż-żmien li ingħataw mill-PA biex jinġibu dettalji ma kienux biżżejjed.<br><br>Il-un/loading bays ser isiru fuq wara eżatt tal-pompa tal-petrol, ħalli l-vetturi li jkunu jridu jħottu, jidħlu minn ġemb tal-pompa tal-petrol u joħorġu minn ġemb l-ieħor, mingħajr ma |

| | | |
|---|---|---|
| | | jidħlu fejn bħalissa jinsabu r-residenti ta' Triq Ħal Millieri. Dan biex ma jkunx hemm inkonvenjent għalihom.<br>Il-vetturi ż-żgħar tal-klijenti u dawk li jgħamlu d-deliveries tal-garden centre ser jgħaddu minn Triq Ħal Millieri, minħabba li ser ikun hemm entratura fi Triq Ħal Millieri.<br><br>L-għoli tal-binja 'l fuq mil-livell tat-triq ser tkun ta' mhux aktar minn 7 metri.<br><br>Meta ġew mistoqsija fuq id-dwal tal-vetturi li ser jidħlu fil-parkeġġ u li ser ikunu ta' inkonvenjent għar-residenti li joqgħodu fi Triq Ħal Millieri, il-perit tal-proġett qal li dejjem jistgħu jiġu inkorporati pjanti vertikali/orizzontali, biex jgħattu d-dwal. Il-konsulent tal-Kunsill qal li jekk hu l-każ, iridu jsiru planters, għax bħalissa m'hemmx fil-pjanti murija.<br><br>Meta ġew mistoqsija jekk is-supermarket hux ser jinfetaħ 24/7, is-sidien qalu li dan hu supermarket żgħir u mhux vijabbli finanzjarjament, li jinfetaħ 24/7. Dan ser ikun miftuħ mit-8:00 sat-20:30 bħal ħafna ħwienet oħra.<br><br>Meta ġew mistoqsija fuq it-traffiku li ser ikun hemm fi Triq Ħal Millieri, qalu li l-punti li qed iressaq il-Kunsill ser jingħataw lill-esperti biex jistudjaw aħjar u r-residenti jkollhom l-inqas impatt possibbli. Idejalment il-vetturi kollha jidħlu u joħorġu mit-triq arterjali. Matul il-lejl jista jkun hemm arranġament mar-residenti biex ikunu jistgħu jipparkjaw fil-parkeġġ tal-proġett.<br><br>Meta ġew mistoqsija fuq il-ġibja eżistenti, qalu li m'għandhomx pjanijiet għaliha, imma l-ilma tagħha jista jintuża għall-garden centre. Huma ser iħaffru biex isir reservoir u dan jinsab fil-pjanti.<br>Il-vetturi tal-iskart ser iħottu minn wara l-pompa tal-petrol u ma jgħaddux minn Triq Ħal Millieri.<br>Meta ġew mistoqsija biex Triq Ħal Millieri tibqa cul de sac, infurmaw li ser jgħatu l-punti kollha lill-esperti biex jaħdmu fuqha.<br><br>Is-Sindku ssuġġeriet li ssir laqgħa bejn ir-residenti u s-sidien tal-proġett propost.<br>Is-sidien aċċettaw li ssir il-laqgħa u żiedu jgħidu li hum għandhom għal qalbhom ir-residenti, għaliex huma ukoll klijenti tagħhom. Mhux il-ħsieb tagħhom li b'xi mod idejqu lir-residenti u jridu jibqgħu ta' servizz għalihom.<br>Il-perit tal-proġett qal li ma jsibx oġġezzjoni li jiltaqgħa mar-residenti, imma jissuġġerixxi li jkunu mistiedna r-residenti kollha taż-Żurrieq u mhux ta' triq partikolari biss.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv ser tgħaddi l-minuti tal-laqgħa li saret qabel mar-residenti, biex ikunu infurmati x'inhu t-tħassib tagħhom.<br><br>Il-Kunsill ġie infurmat li bħalissa l-applikazzjoni hi sospiża u l-oġġezzjonijiet jistgħu jsiru sas- 27 ta' Jannar mhux sas-6 ta' Jannar. |
| | | |
| ***7.6*** | | ***PC/00068/22*** |
| | | |
| 7.6.1 | | Għal dan l-item kienu mistiedna li jiġu xi bdiewa, imma infurmaw li ma setgħux jattendu. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***7.7*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet tal-Kunsill li jkunu meħtieġa.*** |
| | | |
| ***7.8*** | | ***Approvazzjonijiet : Xogħlijiet u Servizzi.*** |
| | | |
| 7.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet:<br>• talba tal-impjegati biex jiġġedded il-vacation leave tagħhom għas sena 2025 hekk kif ġej: l-iskrivani bejniethom ser iġeddu 115.7 siegħa. **Dok 1** mehmuż. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Reġgħa wasal iż-żmien li l-Kunsill iġedded il-polza tal-assigurazzjoni. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***7.9*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-<br>ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 7.9.1 | | Ma kienx hemm minuti x'jinqraw. |
| | | |
| ***7.10*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 7.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok2** għall-ammont totali ta' €131,184.60<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Kyle Mifsud u Dino Bonnici. |
| | | |
| ***7.11*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 7.11.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-19:35. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 8 ta' Jannar, 2025, fil-6:00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' JANNAR 2025

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**